Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 110/13**

il-Lussemburgu, 17 ta' Settembru 2013

# Marc Jaeger elett mill-ġdid bħala President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Fi tmiem is-seduta solenni li nżammet fl-okkażjoni tat-tiġdid parzjali tal-Membri tal-Qorti Ġenerali, saret l-elezzjoni tal-President ta' din il-qorti.

Marc Jaeger, President tal-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2007, ġie elett għat-tielet mandat, mis-16 ta' Settembru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2016.

**Marc Jaeger**

Imwieled fl-1954; gradwat fid-dritt mill-Università Robert Schuman ta' Strasbourg; studja fil-Collège d'Europe; ammess fl-Avukatura tal-Lussemburgu (1981); attaché de justice, delegat mal-Prokuratur Ġenerali tal-Lussemburgu (1983); Imħallef tat-Tribunal d'arrondissement tal-Lussemburgu (1984); Référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1986-1996); President tal-Institut Universitaire International de Luxembourg (IUIL); Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill-11 ta' Lulju 1996; President tal-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2007.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*